Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Numru. 50/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Louise Agius**

Numru 50/2013

Illum 30 ta’ April 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata **Louise Agius**, ta’ erbgha u ghoxrin (24) sena, bint Paul u Jacqueline neé Bonello, imwielda Pieta’, Malta fit-28 ta’ Lulju 1988 u residenti Honey Hill, Triq Robert Samut, Rabat, Malta u detentrici tal-Karta tal-Identita bin-Numru

347888(M), akkuzata talli fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' April 2013 gewwa Ghajnsielem u f'postijiet ohra f'Ghawdex b'diversi atti maghmulin minnha stess, ukoll jew fi zmenijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali (Dok. "C").

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputata, l-ammissjoni bikrija taghha f'dawn il-proceduri u l-fedina penali taghha, li hija wahda nadifa.
Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Taqsimiet 4 u 6 u Artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u Regolament 8 tal-GN 292/1939 issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputata tigi ordnata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti u dana peress illi ma jirrizultax li gew imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti mhijiex ser tordna l-ebda distruzzjoni tad-droga *stante* li ma giet ezebita l-ebda droga f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------